**PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 17 ta’ Ottubru, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 772/2019**

***HSBC BANK MALTA P.L.C.***

***VS.***

***BARBUTO LIMITED U JEAN PAUL MIFSUD U CYNTHIA GRECH LI HUMA GARANTI SOLIDALI***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar iż-żewġ talbiet ta’ HSBC Bank Malta p.l.c.;

***Daħla***

2. B’rikors maħluf imressaq fit-**8 ta’ Awwissu, 2019**, il-bank rikorrenti fisser li b’kuntratt pubbliku tat-12 ta’ Novembru, 2014, huwa ta faċilità bankarja ta’ *overdraft* lill-kumpannija konvenuta Barbuto Limited. Fl-istess kuntratt il-konvenuti l-oħra Jean Paul Mifsud u Cynthia Grech kienu rabtu lilhom infushom bħala garanti b’mod solidali għas-somma mogħtija flimkien mal-kumpannija konvenuta. Il-bank rikorrenti jgħid li huwa kemm-il darba sejjaħ lill-konvenuti biex iħallsuh l-ammont ta’ €116,902.10, skont il-kundizzjonijiet li ġew miftiehma fil-kuntratt, inkluż b’ittri uffiċjali

tat-8 ta’ Mejju, 2018. Jippreċiża illi s-somma ta’ €116,902.10 hija maqsuma hekk: (i) €102,058.77 bħala l-bilanċ mill-ammont misluf lill-kumpannija konvenuta; u (ii) €14,843.33 bħala mgħax li laħaq inġema’ sal-5 ta’ Awwissu, 2019. Barra minn dan l-ammont, il-bank rikorrenti jgħid li jrid jiġbor ukoll mingħand il-konvenuti l-imgħax legali ulterjuri mis-6 ta’ Awwissu, 2019 sad-data tal-ħlas kollu tad-dejn;

3. Minkejja li l-konvenuti ġew mitluba jħallsu dan id-dejn tagħhom, dawn baqgħu ma ħallsuhx. Minħabba f’hekk, il-bank rikorrenti fetaħ din il-kawża u talab lil din il-qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara illi l-intimati huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta’ mija u sittax-il elf, disa’ mija u żewġ Ewro u għaxar ċenteżmi (€116,902.10), dovuta in kwantu għal mija u elfejn, tmienja u ħamsin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€102,058.77) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u erbatax-il elf tmien mija tlieta u erbgħin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€14,843.33) bħala imgħaxijiet ikkalkulati sal-5 ta’ Awwissu 2019 fuq il-kont numru 061-285300-001;*
>
> *2. Tikkundanna lill-istess intimati, solidalment bejniethom, iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma globali ta’ mija u sittax-il elf, disa’ mija u żewġ Ewro u għaxar ċenteżmi (€116,902.10,) inkluż l-imgħaxijiet legali ulterjuri kkalkolati mis-6 ta’ Awwissu 2019 fuq is-somma globali tal-effettiv pagament a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;*
>
> *Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali datati 8 ta’ Mejju 2018 u tal-mandat ta’ sekwestru fl-istess ismijiet premessi ppreżentat kontestwalment ma’ din il-kawża, kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

4. Il-konvenuti ppreżentaw it-tweġiba maħlufa tagħhom fl-**<u>20 ta’ Settembru, 2019</u>** u fiha qalu hekk:

> *«1. Illi l-intimati Jean Paul Mifsud u Cynthia Grech qed jagħtu ruħhom notifikati bir-rikors ġuramentat u bl-avviż tas-smigħ tal-primo appuntamento b’effett mil-lum;*

*2. Illi preliminarjament il-Bank għandu jindika sal-ewwel seduta l-isem u l-kunjom tal-impjegati tal-Bank li beħsiebu jressaq f'dan il-każ;*

*3. Illi t-talbiet tal-bank attur għandhom jiġu miċħuda stante li:*

*(a) Dawn il-proċeduri saru intempestivament stante li l-esponenti ilhom u għadhom jistennew lill-Bank attur biex jibgħat statement dettaljat ċioè rendikont tal-bilanċ dovut ta' din l-overdraft mertu ta' dawn il-proċeduri, kif ukoll tal-loans l-oħra li l-esponenti intimati għandhom mal-istess Bank attur iżda l-Bank baqa' sal-lum inadempjenti;*

*(b) Din it-talba qed issir stante li l-esponenti ġie ordnat mill-bank u dan tramite l-impjegata Ruth Seychell sabiex jiddepożita biss f'kont li iban details tiegħu ntbagħtu mill-istess Seychell lil Jean Paul Mifsud permezz ta' sms iżda sal-lum l-Bank għadu qed jirrifjuta li jgħaddihom ċioè lill-intimata, rendikont ta' fejn ċioè f'liema kont kienu qed imorru l-flus li kienu qed jiġu depożitati;*

*(c) Hekk kif il-bank intimat jippreżenta r-rendikont dettaljat tal-bilanċi dovuti mill-esponenti intimati, huma jirregolaw ruħhom.*

*4. Illi huma ma għandhomx ibatu spejjeż;*

*5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

5. Wara din it-tweġiba, konvenuti ma ressqu l-ebda tweġiba oħra, iżda b'nota ppreżentata waqt is-seduta tal-**24 ta' Ġunju, 2020**, il-bank rikorrenti naqqas l-ammont mitlub minnu għal dak ta' €108,992.86, li minnu €6,934.09 huwa mgħax maħdum sal-15 ta' Mejju, 2020, wara li l-bank irnexxielu jiġbed xi flus li ġew depożitati l-qorti fl-atti tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi li ġie ppreżentat flimkien ma' din il-kawża;

6. Il-bank rikorrenti ressaq is-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu fil-**5 ta' Awwissu, 2022** iżda ħadd mill-konvenuti ma ressaq nota ta' sottomissjonijiet;

7. Saret seduta fl-**<u>10 ta' Ottubru, 2022</u>**, fejn il-qorti semgħet is-sottomissjonijiet bil-fomm tal-avukati tal-partijiet, u min hemmhekk din il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum;

***Fatti***

8. B'kuntratt tat-**<u>12 ta' Novembru, 2014</u>** (ara paġni 6 sa 11 tal-atti tal-kawża), il-bank rikorrenti ta l-faċilità bankarja ta' *overdraft* lill-kumpannija konvenuta Barbuto Limited, bil-kundizzjoni li l-ammont ta' dejn tagħha mal-bank ma kellu jaqbeż qatt is-somma ta' €120,000. Skont il-kundizzjonijiet tal-għotja ta' din il-faċilità (ara paġni 12 sa 21 tal-atti tal-kawża), din l-*overdraft* kienet qiegħda tingħata għal għanijiet ta' importazzjoni u bejgħ ta' prodotti agrikoli min-naħa tal-kumpannija konvenuta. F'dan il-kuntratt ġie maqbul ukoll li dan il-limitu ta' €120,000 ma kienx ifisser li l-bank kien qiegħed jintrabat li jħalli lill-kumpannija konvenuta tiġbed dan l-ammont ta' flus kollu, dan għaliex l-ammont totali ta' dejn li l-kumpannija konvenuta se jkollha mal-bank kien jiddependi mid-diskrezzjoni assoluta tal-bank;

9. Min-naħa tagħhom il-konvenuti Jean Paul Mifsud u Cynthia Grech taw ruħhom b'garanti b'mod solidali flimkien mal-kumpannija konvenuta, għal kull somma ta' dejn li seta' jkollha l-kumpannija konvenuta mal-bank rikorrenti;

10. Minbarra dan, fl-istess kuntratt il-bank rikorrenti żamm il-jedd li meta jrid, b'avviż bil-miktub, huwa seta' jitlob lill-kumpannija konvenuta jew lill-konvenuti Jean Paul Mifsud u Cynthia Grech bħala garanti tagħha, li dawn iħallsu d-dejn kollu li seta' jkollha l-kumpannija konvenuta fil-kont kurrenti tagħha;

11. Skont il-kundizzjonijiet tal-għotja ta' din il-faċilità, l-imgħax fuq id-dejn kellu jibda miexi bir-rata ta' 3.5% b'żieda fuq ir-rata bażi ta' 2.35%, jiġifieri bir-rata ta' 5.85%. Minkejja dan, il-bank seta', fid-diskrezzjoni tiegħu, jgħolli din ir-rata tal-imgħax jekk ma jiġux sodisfatti dawn il-kundizzjonijiet, fosthom jekk ma tingħatax prova ta' garanzija jew dokumenti oħra lill-bank fi żmien tliet xhur mid-data ta' din l-ittra;

12. Minbarra dan, f'dawn il-kundizzjonijiet, il-bank żamm il-jedd li jtemm din il-faċilità u jitlob il-ħlas tad-djun x'ħin irid b'avviż mil-miktub, jekk isseħħ xi ċirkostanza li fil-fehma tal-bank seta' jkollha effett fuq l-obbligi mirfugħa f'dawn il-kundizzjonijiet;

13. Ftit inqas minn tliet snin wara li ngħatat din il-faċilità bankjara l-bank deherlu li kien hemm biżżejjed ċirkostanzi biex itemm din il-faċilità u għalhekk b'ittra mibgħuta minnu lil Jean Paul Mifsud, fil-kwalità tiegħu ta' direttur tal-kumpannija konvenuta, fid-**19 ta' April, 2017** (ara paġni 141 u 142 tal-atti tal-kawża), il-bank waqqaf minnufih din il-faċilità u talab lill-kumpannija konvenuta tħallas id-dejn kollu li kellha fil-kont kurrenti tagħha (dak li fil-prattika bankarja jgħidulu l-"*call-in*");

14. B'ittra uffiċjali datata **8 ta' Mejju, 2018** (ara paġna 22 tal-atti tal-kawża), il-bank rikorrenti sejjaħ lill-kumpannija konvenuta biex tħallsu s-somma ta' €105,299.72, inkluż fiha l-kapital u l-imgħaxijiet li mxew fuq il-kont kurrenti tagħhom tal-faċilità tal-*overdraft*, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri. Hekk ukoll, fl-istess ġuranta l-bank rikorrenti bagħat ittra uffiċjali oħra lil Jean Paul Mifsud u Cynthia Grech, fil-kwalità tagħhom ta' garanti solidali tal-kumpannija konvenuta (ara paġna 24 tal-atti tal-kawża), fejn fiha huma ġew mitluba biex iħallsuh is-somma ta' flus hawn fuq imsemmija;

15. Imbagħad, fit-**8 ta' Awwissu, 2018**, il-bank rikorrenti fetaħ din il-kawża;

16. Waqt il-mixi ta' din il-kawża, il-kumpannija konvenuta ħallset lill-bank rikorrenti flejjes li jammontaw għas-somma totali ta' €14,350.28, wara li dawn ġew maqbuda mingħandha f'mandat ta' sekwestru maħruġ mill-bank rikorrenti (ara r-rendikont magħmul mill-bank rikorrenti f'paġna 521 tal-atti tal-kawża). Kien għalhekk li fl-**24 ta' Ġunju, 2020**, il-bank naqqas is-somma li qiegħed jitlob għal dik ta' €108,992.86 (ara n-nota ta' riduzzjoni f'paġna 520 tal-atti tal-kawża);

***Konsiderazzjonijiet***

17. Il-kawża li għandha quddiemha din il-qorti hija maħsuba biex il-konvenuti jiġu ddikjarati u kkundannati li għandhom jagħtu lill-bank rikorrenti s-somma ta' €108,992.86, li minnha €6,934.09 huma mgħaxijiet li laħqu nġemgħu fuq il-kapital li kien hemm fil-kont kurrenti tal-kumpannija konvenuta sal-15 ta' Mejju, 2020, u dan wara li l-bank rikorrenti temm il-faċilità bankarja ta' *overdraft* li kien ta lill-kumpanija konvenuta. Minbarra dan, il-bank rikorrenti qiegħed jitlob ukoll l-imgħax legali ulterjuri li huwa dovut lilu fuq it-total ta' €108,992.86 mis-16 ta' Mejju, 2020 sa meta jitwettaq il-ħlas kollu (ara n-nota ta' riduzzjoni tal-bank rikorrenti f'paġna 520 tal-atti tal-kawża);

18. Min-naħa tal-konvenuti, fit-tweġiba maħlufa tagħhom, dawn ma jidhrux li huma qegħdin jikkontestaw li għandhom iħallsu ammont ta' flus lill-bank rikorrenti. Madankollu, huma jisħqu li din il-kawża infetħet qabel il-waqt, kemm għaliex il-bank baqa' ma bagħtilhomx rendikont dettaljat tal-kont kurrenti li kellha l-kumpannija konvenuta u kif ukoll għaliex il-bank rikorrenti ma tahomx rendikont ta' fejn kienu ġew depożitati l-ħlasijiet li għamlu. Għalhekk huma qalu li kienu sejrin jirregolaw ruħhom wara li l-bank jippreżenta rendikonti dettaljati fl-atti ta' din il-kawża;

19. Minbarra dan, il-konvenuti jisħqu wkoll li sal-ewwel seduta li kellha ssir biex tinstema' din il-kawża, il-bank kellu jindika l-isem u l-kunjom tal-impjegati tiegħu li huwa kien beħsiebu jressaq biex jixhdu matul is-smigħ tal-kawża. Il-qorti fliet l-atti tal-kawża u l-konvenuti ma jidhrux li nsistew fuq din l-eċċezzjoni. Wara kollox, f'dan l-istadju huma jafu min huma l-impjegati tal-bank li xehdu matul dawn il-proċeduri (fosthom Ruth Seychell, Joseph Cordina, l-avukat Ralph Aġius Fernandez u Brian Baldacchino), u kellhom iċ-ċans li jagħmlulhom il-mistoqsijiet, hekk kif fil-fatt għamlu. Għalhekk, darba li f'dan l-istadju din l-eċċezzjoni ma fadlilha l-ebda siwi għall-konvenuti, din qiegħda tiġi miċħuda;

20. Meqjus dan, il-qorti jeħtiġilha tistħarreġ jekk il-bank rikorrenti rnexxilux juri li hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex huwa jiġbor mingħand il-konvenuti s-somma kollha li huwa qiegħed jgħid li hija dovuta lilu;

21. Il-qorti tqis li l-faċilità ta' *overdraft* għandha karatterstiċi legali partikolari, fosthom li din jeħtiġilha tingħaraf minn kuntratt ta' self għall-konsum jew mutwu (ara l-**artikolu 1842 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Kemm hu hekk, f'faċilità bħal din, il-mod ta' kif jinġema' u jinħadem l-imgħax huwa partikolari għan-natura tal-kont kurrenti (ara ***HSBC Bank Malta plc v. Tal-Barrani Company Limited et***, Appell Superjuri, 28 ta' Jannar, 2021);

22. Darba li l-faċilità ta' *overdraft*, mhijiex l-istess bħal dik ta' kuntratt ta' mutwu, din hija regolata minn liġijiet u użanzi kummerċjali li jgħoddu għaliha, u għalhekk il-mod ta' kif jinħadmu l-konteġġi ta' dak li jkun disponibbli lill-klijent u dak li jiżdied bħala imgħax fuq dik il-parti tal-faċilità li l-klijent ikun inqeda biha bħala self, huma regolati bi prattika stabbilita u aċċettata mill-banek u istituzzjonijiet finanzjarji madwar id-dinja kollha;

23. Din il-faċilità taħdem b'tali mod li ġaladarba tkun saret kapitalizzazzjoni tal-imgħaxijiet li jkunu skadew, dawk l-imgħaxijiet ma jibqgħux tali, iżda ma' kull kapitalizzazzjoni jiġu konvertiti f'kapital. Dawn jibqgħu hekk ikkunsidrati sakemm tispiċċa l-obbligazzjoni (ara ***Edwin Vassallo noe v. Salvatore Bellućċi***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' April, 1947);

24. Hekk kif il-faċilità tispiċċa, l-obbligazzjoni tinbidel u l-imgħax jibqa' għaddej u jrid jinħadem bis-sistema mħaddma fl-obbligazzjonijiet li dwarhom jgħoddu r-regoli tal-imgħax, u tal-imgħax fuq l-imgħax, maħsuba fil-**Kodiċi Ċivili** u mhux aktar dawk imħaddmin mill-użu kummerċjali jew mill-prattiċi bankarji (ara ***Bank of Valletta Ltd v. Anna's Trading Co Ltd et***, Appell Superjuri, 6 ta' Diċembru, 2002);

25. Issa fil-każ tagħna, ma hemmx kwistjoni li fil-kuntratt li bih ingħatat il-faċilità bankarja hemm imniżżel li l-bank seta' f'kull żmien iwaqqaf il-faċilità u jitlob il-ħlas lura f'daqqa tal-bilanċ tad-debitu. Dan huwa eżerċizzju li fiċ-ċrieki finanzjarji jissejjaħ *"call-in"*;

26. Kemm hu hekk, fil-kuntratt tat-12 ta' Novembru, 2014 magħmul fl-atti tan-Nutar Roland John Wadge, il-partijiet qablu li:

> *«the Bank shall be entitled at any time to call upon the customer and the sureties to settle their indebtedness to the Bank and to pay the balance due in the customer's current account a simple request in writing to be deemed good and sufficient notice for the customer and the surities to implement their engagements forthwith»* (ara paġna 8 tal-atti tal-kawża);

27. Dan huwa rifless ukoll fil-kundizzjonijiet tal-għotja tal-faċilità fejn ingħad li, *«in accordance with normal banking practice overdrafts are, at all times, repayable on demand, and notwithstanding anything aforesaid, these facilites may be withdrawn and/or are reviewed at any time at the Bank's discretion»* (ara paġna 13 tal-atti tal-kawża) u li, *«if any event occurs or circumstance arises which, in the opinion of the Bank, is deemed likely to affect the performance of all or any of the obligaitons under this Facility Letter or the compliance with the terms thereof, then or at any time thereafter, prior to the utilisation of the banking facilities indicated above, the Bank shall have the right to withdraw or cancel this Facility Letter by giving you notice thereof by simple letter»* (ara paġna 16 tal-atti tal-kawża);

28. Għalkemm, il-kundizzjonijiet hawn fuq riprodotti jagħtu x'jifhmu li l-bank seta', anke għall-ebda raġuni, jaqbad u jtemm il-faċilità bankarja, huwa miżmum fil-ġurisprudenza li fil-prattika bankarja l-*call-in* m'għandux isir b'kapriċċ, imma għal raġuni valida. Dan minħabba li l-effett tiegħu jista' jeqred negozju li jaħdem permezz ta' faċilità bankarja, bl-għan li jiġbed il-flus meta jkollu bżonn iħallas lill-kredituri tiegħu u jiddepożita l-flus meta jitħallas mingħand id-debituri tiegħu. Wara kollox, kuntratti bħal dawn li jolqtu operazzjoni kummerċjali għandhom isiru b'rieda tajba u

huma prinċipalment imsejsa fuq fiduċja reċiproka. Wieħed jifhem li l-kundizzjonijiet hawn fuq imsemmija qegħdin hemm biex iħarsu l-interessi tal-bank, iżda dawn żgur mhumiex qegħdin hemm biex iġibu negozju għarkupptejh (ara ***Lombard Bank Malta plc v. Power Point Limited***, Appell Superjuri, 1 ta' Diċembru, 2021);

29. Issa matul l-istadju tal-provi, l-impjegat tal-bank Joseph Cordina (ara l-affidavit tiegħu f'paġni 129 sa 131 tal-atti tal-kawża) spjega li f'perijodu ta' ftit xhur minn meta ngħatat il-faċilità bankarja fit-12 ta' Novembru, 2014, sewwasew minn Lulju tas-sena 2015, il-kont tal-kumpannija konvenuta diġà kellu dejn ta' aktar minn €100,000 u baqa' b'debitu fil-madwar ta' din iċ-ċifra sa meta saret il-*call-in*. Dan joħroġ ferm ċar mir-rendikonti bankarji misjuba f'paġni 144 sa 491 tal-atti tal-kawża;

30. Joseph Cordina fisser li l-mod ta' kif kienet qiegħda titħaddem il-faċilità li ngħatat lill-kumpannija konvenuta ma kienx skont il-politika tal-bank għaliex din il-faċilità kienet spiċċat tintuża bħala self mill-kumpannija konvenuta. Terġa' u tgħid il-kumpannija konvenuta ma kinitx qiegħda tagħmel pagamenti b'manjiera regolari u l-kont kien qiegħed jitħalla b'debitu sa kważi l-massimu tal-faċilità mogħtija;

31. Minħabba li l-bank rikorrenti ma kienx kuntent dwar kif il-kumpannija kovenuta kienet qiegħda tmexxi dan il-kont, fit-2 ta' Awwissu, 2016 huwa bagħat ittra sanzjonarja lill-kumpannija konvenuta fejn din ġiet mgħarrfa li hija kellha tħallas l-ammont kollu li ttieħed mill-faċilità bankarja sal-31 ta' Mejju, 2017. Minbarra dan, hija ġiet mgħarrfa wkoll li l-faċilità bankarja kienet qiegħda tiġi mġedda; iżda sal-ammont ta' €108,000 biss (ara l-ittra f'paġni 132 sa 136 tal-atti tal-kawża);

32. Il-kumpannija konvenuta kienet ġiet mitluba wkoll tibgħat l-ittra lura lill-bank iffirmata fi żmien tletin jum, iżda dan baqa' ma sarx. F'din iċ-ċirkostanza fil-31 ta' Awwissu, 2016 sar kuntatt telefoniku mal-konvenut Jean Paul Mifsud, li dakinhar kien jinsab Sqallija. Skont Cordina, meta Jean Paul Mifsud ġie mistoqsi dwar kif kien ser isewwi l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-faċilità bankarja, dan wieġeb li huwa kien jippreferi jħallas il-kontijiet u jinvesti flusu band'oħra milli jagħmel il-pagamenti li

kienu dovuti lill-bank. Din l-allegazzjni baqgħet ma ġietx miċħuda minn Jean Paul Mifsud waqt il-mixi ta’ din il-kawża;

33. Madankollu, fl-istess taħdita, Jean Paul Mifsud semma li kien hemm terz li kien beħsiebu jbiegħ xi proprjetà u jinvesti fin-negozju tal-kumpannija konvenuta biex b’hekk minn dan l-investiment jitħallsu d-djun tal-istess kumpannija. Però, minn dan baqa’ ma sar xejn u l-bank beda jinkwieta li l-kumpannija konvenuta ma kinitx serja tħallas id-dejn li kellha miegħu. Għalhekk il-bank bagħat żewġ ittri fejn ġibed l-attenzjoni tal-kumpannija konvenuta li l-kont tagħha kien ilu b’debitu ta’ ftit inqas minn €103,000 għal madwar wieħed u għoxrin xahar, u fid-dawl ta’ dan il-kumpannija konvenuta ġiet mitluba tirregola ruħha sal-15 ta’ April, 2017 u tipprovdi lill-bank b’dokumentazzjoni biex tagħtih serħan tal-moħħ li hija tassew kienet qiegħda tagħmel minn kollox biex tħallas lura id-dejn tagħha (ara l-ittri tal-1 ta’ Marzu, 2017 f’paġna 137 u 138 tal-atti tal-kawża u tas-27 ta’ Marzu, 2017 f’paġni 139 u 140 tal-atti tal-kawża);

34. Wara dawn iż-żewġ ittri ma kien hemm l-ebda żviluppi min-naħa tal-kumpannija konvenuta u għalhekk il-bank bagħat ittra oħra lill-kumpannija konvenuta, fejn din id-darba huwa temm il-faċilità bankarja (ħareġ il-*call-in*) u talabha tħallas id-dejn kollu sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Mejju, 2017 (ara l-ittra tad-19 ta’ April, 2017 f’paġni 141 u 142 tal-atti tal-kawża). Minn dakinhar sa meta nfetħet din il-kawża l-kumpannija konvenuta baqgħet ma ħallset xejn mid-dejn tagħha, sakemm imbagħad, waqt il-mixi ta’ din il-kawża, sar ħlas totali ta’ €14,350.28, li ġie mnaqqas mill-imgħaxijiet li kienu laħqu mxew fuq il-kapital li huwa dovut lura lill-bank mill-kumpannija konvenuta (ara r-rendikont magħmul mill-bank rikorrenti f’paġna 521 tal-atti tal-kawża);

35. Meqjus dan kollu, il-qorti ssib li l-bank rikorrenti kellu raġuni tajba biex itemm il-faċilità bankarja ta’ *overdraft* li kienet ingħatat lill-kumpannija konvenuta għaliex din tal-aħħar, wara li ġiet imsejħa diversi drabi mill-bank, naqset milli tgħaddilu t-tagħrif meħtieġ biex huwa jkun jista’ jserraħ moħħu li hija kienet sejra tħallas id-dejn li kien inġemgħalha miegħu. B’żieda ma’ dan, il-qorti għandha dubji serji kemm il-

kumpannija konvenuta tassew kellha l-intenzjoni li taqbad u tħallas id-dejn tagħha: (i) kemm għaliex id-dejn tagħha ta' madwar €100,000 kien ilu jippersisti għal xhur twal, jekk mhux ukoll snin; u (ii) kif ukoll għaliex meta saret il-komunikazzjoni bil-fomm mal-konvenut Mifsud, dan kien ta x'jifhem lill-bank li l-kumpannija konvenuta ma kinitx ħerqana biex tħallas id-dejn;

36. B'hekk żgur ma jistax jingħad li l-bank kellu intenzjonijiet ħżiena jew qarrieqa meta sejjaħ il-*call-in*, u għalhekk id-deċiżjoni tiegħu tas-16 ta' April, 2017 kienet waħda ġustifikata. Wara kollox, kien Jean Paul Mifud stess li waqt ix-xiehda tiegħu ta x'jifhem li l-ammont mitlub mill-bank tassew huwa dovut (ara x-xiehda tiegħu f'paġna 1050 tal-atti tal-kawża);

37. Għalkemm il-konvenuti jisħqu li huma ma setgħux iħallsu għaliex il-bank ma kienx tahom rendikonti dettaljati tal-kont tagħhom, din id-difiża ma tistax tkun waħda fejjieda għalihom. Din l-allegazzjoni tagħhom ma ġietx pruvata għaliex il-bank ċaħadha għalkollox u saħaq li meta ntalab dokumenti mill-kumpannija konvenuta, dawn dejjem ġew mogħtija (ara x-xiehda ta' Ruth Seychell f'paġna 511 tal-atti tal-kawża). Imma anke li kieku stess huwa minnu li dawn ir-rendikonti ma ngħatawx, dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li d-dejn tal-kumpannija konvenuta kien u għadu dovut;

38. Lanqas għandha mis-sewwa l-allegazzjoni tagħhom li huma ma setgħux ikunu jafu f'liema kontijiet tagħhom, kienu qegħdin jitqassmu d-depożiti li din għamlet mal-bank tul iż-żmien. Dan il-każ ma ġarax xi nofs seklu ilu, meta t-teknoloġija tal-informatika kienet għadha fit-twelid tagħha, iżda seħħ biss madwar ħames snin ilu, fejn ħafna mill-banek, inkluż il-bank rikorrenti, kienu diġà jipprovdu lill-klijenti tagħhom pjattaformi elettroniċi li jagħmluha possibbli li wieħed ikollu aċċess għall-kontijiet bankarji tiegħu mill-kumdità ta' daru. Il-qorti ssibha x'aktarx bi tqila biex temmen li l-kumpannija konvenuta, li tinsab fin-negozju, ma kinitx kapaċi tagħmel użu minn dawn il-pjattaformi;

39. Terġa' u tgħid, il-konvenuti setgħu marru fiżikament sa xi waħda mill-ħafna fergħat li għandu l-bank rikorrenti f'Malta jew Għawdex u jiġbru dawn ir-rendikonti personalment, jew saħansitra jibagħtu lil xi ħadd biex jagħmel dan. Din il-qorti m'għandha l-ebda dubju illi li kieku l-konvenuti tassew għamlu dan, il-bank rikorrenti ma kienx sejjer jiċħdilhom dawn ir-rendikonti;

40. Fuq kollox, waqt il-mixi ta' din il-kawża, il-bank ippreżenta ammont mhux żgħir ta' rendikonti bankarji. Il-konvenuti kellhom ċans kemm riedu biex jiflu dawn ir-rendikonti u jirregolaw il-pożizzjoni tagħhom dwarhom. Madankollu, jidher li l-konvenuti mhumiex qegħdin jikkontestaw l-ammont tad-dejn li għandhom mal-bank. Kemm hu hekk, wara li ġew imressqa dawn ir-rendikonti bankarji, il-konvenuti baqgħu ma talbux lill-qorti tawtorizzahom iressqu xi eċċezzjonijiet ulterjuri. Lanqas irnexxielhom b'xi mod iwaqqgħu l-konteġġi u ċ-ċifri magħmula mill-bank. Min-naħa tagħha, il-qorti fliet ir-rendikonti mressqa mill-bank rikorrenti u minn dak li rat, hija m'għandhiex għax tiddubita li l-ammont mitlub mill-bank rikorrenti ġie maħdum tajjeb;

41. Jekk kemm-il darba l-konvenuti ma sabux żbalji fl-ammonti li qiegħed jitlob il-bank, huma dejjem setgħu, sakemm damet miexja din il-kawża, jevitaw l-ispejjeż billi jittentaw jidħlu f'arranġament mal-bank jew billi jagħmlu kostituzzjoni ta' debitu, iżda b'sogħba din il-qorti jkollha tistqarr li l-konvenuti waqgħu fi bruda liema bħalha. Kif jgħid il-Malti, trid tgħin ruħek biex Alla jgħinek. Sfortunatament, il-konvenuti m'urew l-ebda ħeġġa biex jippruvaw isewwu s-sitwazzjoni tagħhom u komplew jidħlu f'aktar spejjeż billi baqgħu jikkontestaw din il-kawża sal-aħħar;

42. Jifdal biss li tiġi meqjusa t-talba tal-bank rikorrenti biex huwa jitħallas l-imgħax ulterjuri bir-rata ta' 8% fuq is-somma ta' €108,992.86 mis-16 ta' Mejju, 2020 skont l-**artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara n-nota ta' riduzzjoni tal-bank rikorrenti f'paġna 520 tal-atti tal-kawża);

43. Kif ingħad aktar 'il fuq, meta faċilità ta' kont kurrenti mogħtija mill-bank tiġi mitmuma għal xi raġuni, jispiċċa l-użu kummerċjali fejn l-imgħax jiġi miżjud mal-kapital fuq il-

bilanċ ta' kuljum kull sitt xhur, u b'hekk jifforma parti mill-kapital. Minflok, japplika dak provdut fil-**Kodiċi Ċivili** (ara ***Cecil Busuttil noe v. Alfred Spiteri Debarro***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 15 ta' Jannar, 1979);

44. Minn dakinhar li l-bank rikorrenti għamel il-*call-in*, ma baqax jeżisti aktar ftehim ta' kont kurrenti. Dan, bl-azzjoni unilaterali tal-bank rikorrenti, ġie konvertit għal ftehim sempliċi ta' self/mutwu. Konsegwentement, l-imgħaxijiet iridu bilfors jinħadmu skont l-**artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, inkella jkunu illegali (ara ***Joseph Mary Farruġia v. Gontran Borġ noe***, Appell Superjuri, 12 ta' Frar, 1998 u ***Lombard Bank plc v. Eurimpex Ltd nomine et***, Appell Superjuri, 13 ta' April, 2007)

45. Issa dan l-**artikolu 1142** jgħid lil l-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu mgħaxijiet oħra, sew bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba ġudizzjarja għaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jagħlqu, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena;

46. Fl-**artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, ma jidhrix li l-liġi tagħraf bejn imgħax imnissel minn obbligazzjoni ta' natura kummerċjali minn imgħax imnissel minn obbligazzjoni ċivili (ara ***John Muscat et v. Maġġur Louis Radmilli et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 3 ta' Ottubru, 2002);

47. Biex tali mgħax fuq l-imgħax ikun dovut, kulma jrid jintwera huwa li: (i) tkun saret talba b'att ġudizzjarju, sakemm ma jkunx jeżisti ftehim minn qabel li jipprovdi dwar imgħax bħal dan; u (ii) l-imgħax li dwaru jintalab l-imgħax irid ikun ilu dovut minn tal-anqas għal żmien sena (ara ***Cecil Paċe et v. Emanuel A. Bonello C.P.A.A. et***, Qorti tal-Appell, 28 ta' Marzu, 2014);

48. Ingħad ukoll illi f'każ fejn somma dovuta tiġi kanonizzata b'sentenza, l-imgħax minn dik is-somma huwa mgħax sempliċi, u jista' jiġi kapitalizzat biss bil-mod imfisser fil-

Kodiċi (ara ***Cecil Busuttil noe vs Alfred Spiteri Debarro***, Qorti tal-Kummerċ, 15 ta' Jannar, 1979*)*;

49. Imħaddma dawn il-prinċipji għall-każ tagħna, il-qorti ssib li t-talba tal-bank rikorrenti tidher li hija mistħoqqa. Dan qiegħed jingħad għaliex l-imgħax li dwaru qiegħed jintalab l-imgħax ilu miexi minn dakinhar li saret il-*call-in*, jiġifieri mis-16 ta' April, 2017, u għalhekk meta l-bank rikorrenti sejjaħ lill-kumpannija konvenuta biex tħallsu l-imgħax legali ulterjuri b'ittra uffiċjali tat-8 ta' Mejju, 2018, l-imgħax li dwaru ntalab l-imgħax kien ilu dovut aktar minn sena. M'hemmx dubju għalhekk li l-bank rikorrenti talab dan il-ħlas tal-imgħax b'att ġudizzjarju. Għaldaqstant, iż-żewġ elementi meħtieġa biex jiġi fis-seħħ l-**artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** jinsabu mwettqin;

50. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, it-talbiet tal-bank rikorrenti qegħdin jiġu milqugħa, filwaqt li qegħdin jiġu miċħuda l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-konvenuti;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **<u>Tiċħad</u>** l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-konvenuti għaliex dawn instabu li mhumiex tajbin;

ii. **<u>Tilqa'</u>** l-ewwel talba tal-bank rikorrenti u tiddikjara li l-konvenuti Barbuto Limited, Jean Paul Mifsud u Cynthia Grech, huma solidament bejniethom, debituri tal-bank rikorrenti fis-somma totali ta' €108,992.86; u

iii. **<u>Tilqa'</u>** t-tieni talba tal-bank rikorrenti u b'hekk tikkundanna lill-konvenuti Barbuto Limited, Jean Paul Mifsud u Cynthia Grech sabiex, solidament bejniethom, iħallsu lill-bank rikorrenti s-somma ta' €108,992.86, bl-imgħax ulterjuri bir-rata ta' 8% fuq

din is-somma, skont l-**artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, mis-16 ta' Mejju 2020 sad-data tal-ħlas effettiv;

Fl-aħħar nett, **tordna** wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri, jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenuti Barbuto Limited, Jean Paul Mifsud u Cynthia Grech solidament bejniethom, magħduda magħhom l-ispejjeż marbuta mal-ittri uffiċjali tat-8 ta' Mejju, 2018 u mal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi li ġie ppreżentat flimkien ma' din il-kawża.

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**